

Brussell, 6 ta' April 2018
(OR. fr)

7631/18

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0103 (COD)

CODEC 462
WTO 49
ANTIDUMPING 5
COMER 29

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (L-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fil-11 ta' April 2013, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq il-paragrafu 2 tal-Artikolu 207 tat-TFUE.
2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-16 ta' April 2014².
3. Fit-30 ta' Jannar 2018, il-President tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kummerċ Internazzjonali indirizza ittra lill-President tal-Coreper li tiddikjara li l-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, kellu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti) mingħajr emendi.

¹ dok. 8495/13.

² dok. 8728/14.

Sussegwentement, fis-7 ta' Frar 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva test ta' kompromess wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi lill-Kunsill biex:

- jadotta, bil-vot kontra tad-delegazzjoni Brittanika u dik Żvediża, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument 5700/18 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tinsab fid-dokument 5700/18 ADD 1;
- jiddeċiedi li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.
